*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 21

Il-Gimgha 4 ta' Dicembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

SKUZAT:
Thomas Debattista – Kunsillier

ASSENTI:
Ismael Dalli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **21.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 21.1.1 | Il-Kunsilliera gew infurmati li s-Sur Thomas Debattista ma setax jattendi ghall-laqgha tal-Kunsill minhabba sitwazzjoni li ma' kellux kontroll fuqa. Il-Kunsilliera prezenti ma' sabu l-ebda oggezzjoni f dan ir-rigward. |
| **21.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 21.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 20 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 21.2.2 | Is-Sur Christian Pace ppropona u s-Sa Darlene Vella Zammit ssekondat l-minuti tas-Seduta numru 20 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **21.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 21.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni ghall- iskema tal-LC Care *Project* giet accettata u l-Kunsill iffirma l-Kuntratt. Is-Sindku irringrazzja l-amministrazzjoni u l-Kunsilliera responsabbli mill-harsien tal-annimali s-Sa Anabelle Marmara tal-inizjattiva u heggeg sabiex il-progett jinbeda. |
| 21.3.2 | Is-Sindku prezenta l-lista dettaljata flimkien mar-ritratti ta' zewg assi tal-Kunsill li huma *Fujitsu Computers Siemens* 16" *monitor* u KN218L Lamoa tal-elettriku. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li dawn mhux jahdmu u talab l-approvazzjoni sabiex jigu mormija. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li dawn l-oggetti jintremew, (lista annessa ma' dawn il-minuti). |
| 21.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-kumitat ghat-tismija ta' Toroq ma' laqghax it-talba tal-Kunsill sabiex Triq il-Fieres tinbidel ghal Triq Renzo Gauci. Is-Sindku spjega li kkomunika mal- persuni koncernati u gie nfurmat li din il-bidla fl-isem tat-Triq taf tohloq problema ghar-residenti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li s-Sindku jkellem lill-mara tas-Sur Renzo Gauci fuq proposta ohra ghal Triq gdida fil-futur. |
| 21.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed jingabru tlitt kotazzjonijiet sabiex jinkera garaxx ghall-Kunsill minhabba li l-garaxx li hu devolut il-Kunsill dalwaqt jibdew ix-xogholijiet fuqu sabiex jigi mplimentat il-progett tar-*Reach Out Centre-Community Hall*. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 21.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed jistenna risposta minghand il- Kunsill Konsultattiv responsabbli mill-progett Triq il-Blata u Triq Sant 'Anna. |
| 21.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-*barries* ta fejn l-iskola tpoggew sabiex ikun hemm aktar ordni u jkun hemm il-prekawzjonijiet necessarji fejn l-iskola. Is-Sindku spjega li l-vetturi ghandhom aktar access sabiex jghaddu minghajr tfixkil. |
| 21.3.7 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier s-Sur Neil Portelli rigward l-estenzjoni tal-iskema tal-*Achievers*. Is-Sur Neil Portelli nforma lill-Kunsilliera prezenti li minhabba l-pandemija rnexxilu jgib estenzjoni sa Gunju u Lulju 2021. |
| 21.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li d-dawl tal-Milied fil-Pjazza se jitkompla mill-Kuntrattur fil-jiem li gejjijn ghax minhabba l-pandemija ix-xoghol gdid li ordna ghadu ma' wasalx. |
| 21.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li t-Toroq li qed isiru mill-Enemalta se jitkomplew dalwaqt u spjega li twaqfu temporanjament ghax ghaddejjin tahdidiet mal-Kunsill sabiex it-Toroq ikunu kompluta mix-xogholijiet kollha. |
| 21.3.10 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li r-Regjun Xlokk se jkun qed jaghti lill-Kunsill zewg laned zebgha bojod u zewg laned zebgha sofor. |
| 21.3.11 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li r-Regjun Xlokk se jkun qed ihallas VR sabiex jingibed *video* tal-Knisja tal-lokal u jigi publikat fuq il-websajt tal-Kunsill u jkun accessibli biex jarah il-pubbliku. Is-Sindku spjega li l-ewwel se jhallas il-Kunsill u wara li jigu provduti d-dokumenti necessarji l-Kunsill jiehu rimbors minghand ir-Regjun Xlokk. |
| **21.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 21.4.1 | Ma kienx hemm. |

| | |
|---|---|
| **21.5** | **Rapporti** |
| 21.5.1 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace inform l-Kunsilliera prezenti li l-wirja tal-presepji u bambini proposta minnu ghal zmien il-Milied mhux se tinzamm minhabba l-pandemija u dan sabiex tigi salvagwardjata s-sahha tan-nies. Is-Sur Christian Pace wera x-xewqa li nhar iz-17 ta' Dicembru 2020, minflok l-ewwel proposta jingieb Santa Klaws fuq l-islitta jdur mat-toroq tal-lokalita' u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera din il-proposta giet approvata.<br><br>Is-Sindku talab lill-Kunsilliera prezenti ghall-approvazzjoni taghhom sabiex jigu approvati l-*Performance Bonus Appraisals* tal-haddiema tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-*Bonuses* gew approvati u kulhadd kellu jiehu l-persentagg shih tal-*Bonus* li hu 6%. |
| **21.6** | **Mozzjonijiet** |
| 21.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **21.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 21.7.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li s-Segretarju Ezekuttiv ghaddej bil-preparamenti tat-*Tender tar-Reach Out Centre-Community Hall,* li se jigi mplimentat permezz tan-*Norway Grants* li se jinghataw lill-Kunsill. |
| **21.8** | **Estimi finanzjarji għal 2021** |
| 21.8.1 | Is-Sindku prezenta l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill ghas-sena 2021 u nforma lill-Kunsilliera prezenti dan ir-rapport se jigi diskuss fil-laqgha pubblika li se tinzamm illum stess ghaldaqstat wara li talab lis-Segretraju Exekuttiv jaghti rendikont tar-rapport talab l-approvazzjoni taghhom. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2021 gew approvati. |
| **21.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 21.9.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 17/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Novembru 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 21.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Neil Portelli' ssekondata mis-Sa Anabelle Marmara l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |

| | |
|---|---|
| **21.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 21.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6.55p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 7 ta' Jannar 2020 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 4 ta' Dicembru 2020.

J. Abela Galea

**Joseh Abela Galea**
Sindku

E. Vella

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*